# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Numru : 402/2006/LSO**

**Golden Bun Manufacturing Company Ltd. (C-2154)**

**vs**

**Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u l-Malta Industrial Parks Ltd (C-28965) ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Golden Bun Manufacturing Company Ltd. datat 5 ta’ Mejju 2006 fejn Mark Aquilina bil-gurament iddikjara illi jaf is-segwenti fatti personalment: -

Fit-8 ta’ Lulju tas-sena 1998, il-Korporazzjoni Ghal Zvilupp ta’ Malta (Malta Development Corporation - MDC) bieghet Fabbrika f'San Gwann Industrial Estate lis-socjeta` rikorrenti b'titolu ta’ cens temporanju, in virtu` tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion, hawn anness u mmarkat bhala Dok. GB1;

Skont l-ittra datata 4 ta’ Marzu 1996, iffirmata mill-Inginier Simon Salafia ghan-nom tal-istess MDC lis-socjeta` rikorrenti, (Dok. GB2), l-istess MDC "is *responsible for the provision of supply to the premises and is not responsible for the internal electrical installation of the factory area";*

Dan l-obbligu tal-MDC gie kkonfermat fl-20 ta Marzu 2003 permezz ta’ email mibghuta lis-socjeta` rikorrenti mill-istess Inginier Simon Salafia, fejn iddikjara li *"the company* [Golden Bun Manufacturing Ltd] *is obliged to pay Lm22,600 together with any trenching works and cable laying",* bhala sehemha mill-istess spejjez (Dok. GB3);

Segwe li l-MDC ghandha thallas l-ispejjez l-ohra kollha konessi mal-kostruzzjoni *tas-substation* tal-elettriku gewwa l-Fabbrika Golden Harvest, f'San Gwann;

Fit-3 ta' Marzu 2005, is-socjeta` rikorrenti dahlet fi ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta ghall-kostruzzjoni ta' *substation* tal-elettriku gewwa l-Fabbrika Golden Harvest, f'San Gwann, liema progett jiswa tnejn u hamsin elf u hames mija u erbghin liri Maltin (Lm52,540), kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. GB4;

Fit-3 ta Marzu 2005, is-socjeta` rikorrenti hallset depozitu ta` sitta u ghoxrin elf (Lm26,000) lira Maltija (Dok. GB5) lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-bini tal-imsemmi *substation,* liema somma tinkludi l-imsemmija somma ta' tnejn u ghoxrin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm22,600);

Ix-xoghol tat-thaffir tat-trinek u tqieghid tal-*cables* tal-elettriku saru minn Polidano Brothers Ltd, u kif jirrizulta minn Dok. GB6 s-socjeta` rikorrenti hallset is-somma ta' Lm3,163.84 ghal dan ix-xoghol, *oltre* l-imsemmija s-somma ta' Lm26,000;

B'hekk, is-socjeta` rikorrenti hallset mhux biss l-ammont maqbul mal-MDC kif ukoll l-ispejjez kollha konnessi mat-thaffir tat-trinnek u tqieghed *tal-cables* tal-elettriku, izda Lm3,400 *oltre* dak miftiehem *ai termini* tal-*email* tal-Inginier Simon Salafia (Dok. GB3);

Permezz tal-Art. 25 ta' Kap. 463 tal-Ligiijiet ta' Malta, l-obbligazzjonijiet kollha assunti mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta (l-MDC) gew assunti u vestiti mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza;

Il-kontribuzzjoni tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza ghal kostruzzjoni ta' *substation* tal-elettriku gewwa l-Fabbrika Golden Harvest, f'San Gwann, jammonta ghall-bilanc ta' disgha u ghoxrin elf disa' mija u erbghin liri Maltin (Lm52,540 - Lm22,600);

Il-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza giet interpellata sabiex ihallsu s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, hames mija u erbghin Liri Maltin (Lm26,540) permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Frar 2006 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. GB7), izda in risposta gharrfet lis-socjeta` rikorrenti permezz ta` ittra datata l-15 ta' Frar 2006 (Dok. GB8) li *"l-enti governattiva responsabbli ghall-amministrazzjoni tal-oqsma industrijali tal-gvern u ghall-infrastruttura tal-istess estates m'hijiex il-Malta Enterprise imma l-Malta Industrial Parks Limited";*

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti interpellat ukoll lil Malta Industrial Parks Ltd. (C-28965) permezz ta' ittra legali datata 15 ta' Marzu 2006 (kopja annessa u mmarkata Dok. GB9), ghall-hlas, izda s-socjeta` rikorrenti qatt ma rceviet twegiba;

Is-socjeta` rikorrenti tixtieq tirrileva li l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza qieghda tigi mharkka minhabba l-fatt illi bis-sahha tal-artikolu 25 ta' Kap.463 tal-Ligijiet ta' Malta, l-entita` responsabbli ghall-kontribuzzjoni ghall-kostruzzjoni tal-imsemmi *substation* tal-elettriku gewwa l-Fabbrika

Golden Harvest f'San Gwann hija l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza;

Min-naha l-ohra billi l-ittra tal-15 ta' Frar 2006 tal-intimata Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza tghid inekwivokabbilment illi hija responsabbli l-intimata l-ohra, u cioe` l-Malta Industrial Parks Limited, hu prudenti illi jitharrku z-zewg entitajiet, jigi kkundannat min minnhom huwa responsabbli, izda s-socjeta' rikorrenti m'ghandha tahti l-ebda spejjez ta' ebda wiehed minnhom;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq esposti, s-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara lill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza jew l-Malta Industrial Parks Limited, responsabbli ghall-kontribuzzjoni ghall-kostruzzjoni ta' *substation* tal-elettriku gewwa l-Fabbrika Golden Harvest f'San Gwann, u dan skont l-impenn assunt mill-MDC;

2. Tiddikjara li din il-kontribuzzjoni hija ta' disgha u ghoxrin elf u disa' mija u erbghin liri Maltin (Lm29,940);

3. Tordna lill-Korporazzjoni Maltija ghall-Interpriza jew l-Malta Industrial Parks Limited thallas l-ammont ta' Lm29,940 lis-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, u bl-imghax skont il-Ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2006.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Malta Industrial Parks Limited (C 28965) datata 5 ta’ Ottubru 2006 (fol 35) fejn is-socjeta` esponenti eccepiet dan li gej :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' dina l-kawza, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` esponenti m’ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` Golden Harvest Manufacturing Limited, liema socjeta` resqet ghal ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta ghall-bini ta' *substation* fuq art li giet koncessa in enfitewsi temporanea lis-socjeta` attrici u ghalhekk ma ghandhiex tigi kkundannata sabiex tersaq ghall-hlas ta' l-ebda spejjez li l-istess socjeta` inkorriet;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza datata 10 ta’ Ottubru 2006 (fol 41) fejn il-Korporazzjoni eccepiet dan li gej :-

1. Illi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhix legittimu kontradittur peress li hija s-socjeta' Malta Industrial Parks Limited li kienet legalment assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-

Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta ghal kull m'ghandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-oqsma industrijali tal-Gvern.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni esponenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' Golden Harvest Manufacturing Limited, liema socjeta' kienet resqet ghal ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta ghall-bini ta' *substation* fuq art li giet koncessa in enfitewsi temporanja lis-socjeta' attrici u ghalhekk il-korporazzjoni esponenti m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda spejjez li l-imsemmija socjeta' inkorriet.

4. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-socjeta` Golden Bun Manufacturing Company Limited datata l-ewwel (1) ta' Gunju 2015 a fol 203 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` Malta Industrial Parks Limited datata 2 ta' Lulju 2015 a fol 220 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tas-seduta tat-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-

difensuri tal-partijiet li trattaw il-kawza. It-trattazzjoni tan-noti ulterjuri tal-kaz ta' Dr Frank Testa u ta' Dr John Bonello giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob li l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza jew Malta Industrial Parks Ltd.- iktar il quddiem imsejha l-M.I.P. Ltd. - tigi dikjarata responsabbli ghall-kontribuzzjoni u kostruzzjoni ta' *substation* ta' l-elettriku gewwa l-fabbrika Golden Harvest f'San Gwann, u dan wara li dawn l-entitajiet gew imwaqqfa minflok l-entita ezistenti precedentement, il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta - il quddiem imsejha l-M.D.C. Is-socjeta' attrici sostniet li dan kien obbligu assunt mill-M.D.C. u ghalhekk intalab li l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza jew l-M.I.P. Ltd. ghandha thallas l-ammont ta'disgha u ghoxrin elf, disa' mija u erbghin Liri Maltin (Lm29,940).

L-intimati M.I.P. Ltd. u l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, t-tnejn opponew ghat-talba attrici *stante* li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' Golden Harvest Manufacturing Ltd. liema socjeta ressqet ghall-ftehim bil-miktub mal-Korporazzjoni Enemalta ghall-bini tas-*substation* in kwistjoni. *Di piu`,* l-Korporazzjoni Maltija

ghall-Intrapriza eccepiet li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhix il-legittimu kontradittur, imma hija l-M.I.P. Ltd. li assumiet l-obbligi u l-jeddijiet ta’ l-M.D.C. fir-rigward ta’ l-oqsma industrijali tal-Gvern. Gie eccepit ukoll li t-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-mertu.

**Fatti:**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta' attrici akkwistat fabbrika minghand l-M.D.C. b’titlu ta’ cens temporanju ghall-hamsa u sittin sena (65) dekorribbli mid-data ta' l-att, u dan permezz ta’ kuntratt datat nhar it-8 ta’ Lulju 1998 in atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion (**Dok GB1** a fol 6-19). Illi ghal din il-fabbrika, s-socjeta` rikorrenti kellha tibni *substation* gdida, fejn iffirmat kuntratt mal-Enemalta (**DOK GB4** a fol 22-23) fir-rigward ta’ dan u hallset id-depozitu rikjest. Minkejja li kienu ntbaghtu dokumenti ufficjali mill-Engineer Simon Salafia, impjegat dak iz-zmien ta’ l-M.D.C., meta l-M.D.C. giet sostwita mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, u mill-M.I.P. Ltd, gie rifjutat li jigi rifuz nofs l-infieq ghas-*substation* li kienet necessarja ghall-provvista ta’ l-elettriku ghall-fabbrika. Intbaghtet ittra ufficjali lill-Malta Enterprise fit-8 ta’ Frar 2006 (**DOK GB 6** - a fol 25), madankollu l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza baghtet ittra fejn infurmat li l-entita' responsabbli kienet l-M.I.P.Ltd.(fol 28).

**Xhieda rilevanti:**

**John Aquilina** xehed li hu wiehed mid-Diretturi tas-socjeta` Golden Bun Manufacturing Co.Ltd. u semma li kien mar ma' l-Inginier tal-kumpanija u ma' l-Inginier Simon Salafia l-Enemalta biex jghidulhom x'kellhom bzonn. Wara li ntbaghtet stima mill-Enemalta, l-Inginier Simon Salafia, kien baghat *email* ghan-nom ta' l-M.D.C. fejn ikkonferma li l-M.D.C. kienet lesta thallas ghall-*upgrade* kemm-il darba Golden Bun Manufactuing Ltd. thallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, u sitt mitt Liri Maltin (Lm22,600). Xehed li zmien wara kienet saret laqgha l-M.D.C. u dawru l-verzjoni taghhom. Spjega li dak iz-zmien huh Joseph kien ukoll ghamel laqgha mal-Ministru Austin Gatt u mar ghal din il-laqgha flimkien ma huh. Izda, meta mar l-Enemalta, sab li kellu jhallas l-ammont kollu. Qal ukoll li fit-3 ta' Marzu 2005, iffirma *agreement* mal-Enemalta li ighid li bhala utent qieghed jaqbel li jhallas l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf, hames mija u erbghin Liri Maltin (Lm26,540) qabel ma jitkomplew ix-xoghlijiet. Hu spjega li l-fabbrika ma setghetx tkompli miexja fuq elettriku temporanju, u ghalhekk kien iffirma dan l-agreement mal-Enemalta u thallas dan l-ammont.

In **kontro-ezami** (xhieda fol 152[1]) qal li l-fabbrika kellha *transformer* fic-centru li kien perikoluz u ghalhekk fasslu *sub-station* kif ghandha tkun skont ir-regolamenti ta' l-Enemalta b'zewg *transformers*. Fasslu dan ma' l-Engineer Salafia li kien baghat x'ghandu jithallas minnhom u xi jrid jithallas mill-M.D.C. Qal li kien kellem lill-Ministru Austin

[1] Seduta tas-27 ta' Mejju 2013

Gatt ghax kien il-Ministru responsabbli mill-M.D.C. u mill-Enemalta dak iz-zmien.

**Joseph Aquilina** xehed li hu wiehed mid-Diretturi tas-socjeta` Golden Bun Manufacturing Company Ltd. u qal li meta gew biex japplikaw ghas-*substation* tad-dawl gewwa l-fabbrika f'San Gwann, hu u huh marru l-Koporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, urewhom l-ittra u l-*email* ta' l-Ingineer Simon Salafia izda ntqal lilhom li dawn l-ittri ma kienux qeghdin jigu rikonoxxuti. Semma li sussegwentement, hu u huh ghamlu laqgha mal-Ministru ta' dak iz-zmien Austin Gatt, fejn infurmawh bil-problema. Izda, meta kienu kkuntattjaw lill-Enemalta, qallu li importanti li l-Enemalta tithallas fir-rigward tas-*substation*, irrelevanti minn min. Imbaghad kienu rcevew kuntratt minghand l-Enemalta, fejn l-ewwel kellu jithallas depozitu, u mbaghad sabiex tinghata l-provvista tad-dawl kellu jithallas l-ammont kollu. Qal li dan l-ammont thallas kollu minnhom u hallsu spejjez ohra konnessi mat-thaffir ta' trinek u tqeghid ta' *cables* tal-elettriku, u ma gew rifuzi xejn hekk kif miftiehem.

In **kontro-ezami** (xhieda fol 150-152[2]) qal li ma jiftakarx kellux dokumenti ohra apparti l-*email* ta' l-Ingineer Salafia li tghid li l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza kellha taghmel tajjeb. Qal li mar ghand il-Ministru Gatt ghax kellu l-*email* ta' l-Inginier Salafia u ma setax jifhem kif ma bditx tigi rikonoxxuta.

---

[2] Seduta tas-27 ta' Mejju 2013

**Eric Montfort** (xhieda fol 62-63, 103-104[3]) xehed li hu *Principal* fil-*Legal Office* tal-Enemalta li kkonferma li Golden Bun Manufacturing Co. Ltd. hallset depozitu ta' sitta u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm26, 000) lill-Enemalta ghall-bini ta' *substation* gewwa l-fabbrika  Golden Harvest f' San Gwann.  Esebixxa Dok EM1 (fol 64-67) l-*agreement* datat 3 ta' Marzu 2005 fejn thallas dan l-ammont qabel it-tkomplija tax-xoghol tas-*substation*.  Qal li vverifika hu personalment mas-sezzjoni tal-Finanzi biex jivverifika minn min sar il-hlas. Qal ukoll li l-persuna responsabbli ghax-xoghlijiet kien l-Inginieer Scicluna.

**Patrick Gauci** (xhieda fol 90-91[4]) xehed li hu *electrical engineer* u *Professional Executive* mal-Enemalta. Spjega li hu kien inkarigat mill-bini tas-*substation* tal-fabbrika l-gdida ta' Golden Bun Ltd. Semma li kien hemm bzonn ta' tqeghid ta' *cables* u *commissioning* ta' *switch gear equipment* ghas-*substation*. Qal li l-procedura kienet li l-Enemalta kienet titlob il-hlas lill-izviluppatur tas-*substation*.  Qal ukoll li kien hemm xi *cables* ta' l-Enemalta li kellhom jigu spostati biex ma jigux taht il-fabbrika u qal li dan ix-xoghol sar minn Polidano Brothers Ltd. Semma li kien inkarigat mix-xoghlijiet u mhux mill-hlas izda qal li mill-verifiki jirrizulta li l-kont tax-xoghlijiet kien ta' tnejn u hamsin elf, hames mija u erbghin Liri Maltin (Lm52, 540) u dan gie mhallas.

**L-Inginieer Simon Salafia** (xhieda 124-128[5]) qal li fl-1998 kien jahdem mal-M.D.C. u xogholu kien li jikkordina mal-

[3] Seduti tat-2 ta' Ottubru 2007 u tal-4 ta' Gunju 2009
[4] Seduta tat-12 ta' Jannar 2009
[5] Seduta tat-28 ta' Settembru 2011

Enemalta biex ikun hemm provvista tal-elettriku fl-Industrial Estates. Xehed li l-procedura mal-M.D.C. kienet li tghin parzjalment fl-istima ta' l-Enemalta. Spjega li meta l-M.D.C. saret M.I.P., l-M.I.P. ddecidiet li ma tapprovax finanzi li qabel kienu approvati mill-M.D.C. Huwa kkonferma Dok GB2 li hija ittra tieghu biex jinghata s-servizz tad-dawl. Dwar Dok GB3 qal li din l-*email* baghatha lill-*Engineer* mhux lill-klijent, biex jindika xi *transformer* ried jaghmel. F'din l-istess *email* indika li s-sehem li kellu jithallas minn Gloden Bun Ltd. kien ta' tnejn u ghoxrin elf u sitt mitt Liri Maltin (Lm22, 600), u indika wkoll li l-procedura li ghandha tintuza kellha tkun dik adottata f'kazijiet ohra. Il-procedura kienet li l-M.D.C. ma kinitx tikkometti ruhha qabel ma jikkommetti ruhu l-klijent. Hu enfasizza li din l-*email* ma kinitx approvazzjoni tax-xoghol, ghax bhala approvazzjoni kien jibghat ittra ohra. Dwar Dok GB4, spjega li dan kien *agreement* bejn l-Enemalta u s-socjeta' attrici. Spjega li l-procedura mal-M.D.C. kienet li ma tinharigx *approval* sakemm il-klijent jaghti *handover* tas-*substation* lill-Enemalta. Din kienet fil-fatt wahda mill-kundizzjonijiet. Ghalhekk, qal li dan il-kaz kien sfortunat, ghax meta sar il-*handover* mill-Enemalta fl-2005, kien hemm diga l-M.I.P. minflok l-M.D.C.

In **kontro-ezami** (xhieda fol 146A- 146D[6]) qal li qabel l-2004, meta f'kaz li l-inkwilin jibni l-fabbrika hu, u ma jsibx il-fabbrika lesta l-istima ta' l-Enemalta fir-rigward tas-*substation* tinqasam parti mill-M.D.C. u parti minghandu. Ikkonferma li hu kien baghat korrispondenza ghan-nom ta'

---

[6] Seduta tal-14 ta' Frar 2013

l-M.D.C. Ftakar li kienet saret laqgha zgur mal-Engineer tieghu Victor Bonello biex jispjegawlu. Xehed li l-M.I.P. giet imwaqqfa fl-2004, u dwar il-prassi ta' l-M.D.C. li taqsam l-ispejjez, qal li din kienet *policy* bil-miktub, peress li kien hemm *paper* approvata mill-Bord fi zmien l-M.D.C. izda dwar jekk l-M.I.P. kellhiex *policy* dwar dan ma kienx infurmat.

Xehed **Joseph Scicluna** in rapprezentanza tal-Enemalta p.l.c. (xhieda fol 172-175) fejn qal li fil-fabbrika ma kienx hemm *substation* qabel ma gie stallat is-*substation in* mertu. Qal ukoll li l-Qasam Industrijali ta' San Gwann mimli *substations* izda billi d-domanda tas-socjeta' attrici ghall-elettriku kienet kbira kellu bilfors isir *substation* fil-post.

Il-Qorti ser tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha dwar l-eccezzjonijiet sollevati.

**<u>Eccezzjoni tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza li mhix il-Legittimu kontradittur:</u>**

Illi ghalkemm min-naha taghha, l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, dejjem sostniet kemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u anke fl-ittra lis-socjeta` attrici (a fol 28) li l-M.I.P. assumiet l-obbligi tal-M.D.C., ma ssustanzjat dan bl-ebda mod, u ma ngabet l-ebda prova *nonostante* l-fatt li l-ligi **fl-artikolu 39 tal-Att Dwar l-Intrapriza ta' Malta (Kap 463)** tghid proprjament il-kuntrarju li l-Koporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza hija l-entita` responsabbli.

Dan l-artiklu hu redatt f'termini wiesgha u jiddisponi li "*kull ligi, regola, regolament, ordni, sentenza, digriet, deċizjoni, award (lodi), att, bond, avvanz, kuntratt, ftehim, istrument, dokument, mandat u arranġament dwar xogħol, li kienu jeżistu minnufih qabel id-data effettiva, li jolqtu jew li għandhom x'jaqsmu mal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta ........., jew li fihom kienet parti xi enti minnhom, għandu jkollhom kull saħħa u effett kontra jew favur il-Korporazzjoni, u għandhom jiġ u eżegwiti għalkollox u effettivament bħallikieku, minflok l-entijiet imsemmija, kienet imsemmija l-Korporazzjoni fihom jew din kienet tagħmel parti magħhom.*"

**Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza.**

**<u>Eccezzjoni: Nuqqas tar-Relazzjoni Guridika</u>**

Din l-eccezzjoni giet sollevata miz-zewg konvennuti.

Fil-kaz tal-M.I.P. Limited l-Qorti hi tal-fehma li hija l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza li assumiet l-obbligazzjonijiet assuni mill-MDC u mhux l-M.I.P.Limited.

Jigi ribadit li meta s-socjeta attrici talbet, permezz ta' ittra ufficjali Dok GB 6 (a fol 25), l-istess Korporazzjoni Maltija ghall-intrapriza irrispondiet li l-M.I.P. Ltd. hija l-entita` responsabbli (a fol 28) filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-MIP Ltd. inghad li l-Koprorazzjoni Maltija ghall-Intrapriza fil-fatt issucediet lill-MDC a tenur ta'

l-Artikolu 39 tal-Kap 463. Il-Qorti trid tesprimi ruhha fis-sens li tiddeplora l-mod kif dawn iz-zewg entitajiet qed jippruvaw jirravalsaw dan l-obbligu minn wiehed ghall-iehor a skapitu tac-cittadin meta l-basi tar-responsabbilita' tohrog mill-ligijiet li jiggvernawhom.

Fir-rigward tas-socjeta' M.I.P.Ltd. permezz tal-Avviz Legali 361 tal-2004 ghadda f'idejha l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet fosthom is-sit li kien gie koncess in enfitewsi lis-socjeta' attrici fil-Qasam Industrijali ta' San Gwann. Is-socjeta' tghid li "*ghalhekk isegwi li s-socjeta' esponenti assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta fir-rigward tal-koncessjoni enfitewtika tant li c-cens dovut issa jithallas lill-esponenti."*

Izda l-obbligazzjoni ghall-bini ta' *substation* ma kienx parti mill-kuntratt enfitewtiku u gie assunt esklussivament mill-MDC li taghha, is-socjeta` M.I.P. Ltd. mhix is-successur. F'tali cirkostanza l-Qorti ma tistax issib mqar rabta indiretta bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' M.I.P.Limited u ser tghaddi biex tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' din is-socjeta' konvenuta.

Izda l-Qorti ma tistax tilqa' l-istess eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza billi hija tal-fehma li din il-Korporazzjoni konvenuta assumiet l-obbligazzjonijiet tal-MDC b'mod l-aktar ampju u wiesgha .

**Ikkonsidrat** li b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet *in virtu* ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu.

*"Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha*." (Ara "**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma noe. Vs Emanuel Grixti" –** Qorti tal-Appell- 10 ta' Jannar 2007).

Fil-gurisprudenza nostrali, sar accenn ghad-definizzjoni ta' relazzjoni guridika: "*B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu ta' drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar*."(Ara, "**Burmarrad Commercials Ltd. vs Desmond Mizzi et"** deciza fit-28 ta' Frar 2007, u "**Salvu Fenech nomine vs Karl Bonello et"** Appell Inferjuri deciz fit-3 ta' Ottubru 2007).

Il-fatt li hadd mill-konvenuti ma assuma l-obbligu li jhallas is-somma pretiza mis-socjeta` attrici, ma jfissirx li m'hemmx relazzjoni guridika. Fil-kaz tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, din ir-relazzjoni guridika tohrog mill-obbligazzjonijiet skont il-ligi, u cjoe` skont l-Artikolu 39 tal-Kap 463.

Ghaldaqstant ser tichad it-tielet eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet fil-Mertu**

**Dritt**

Il-Qorti ser tenunzja xi principji legali applikabbli li f'materja kontrattwali jaghmel li l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992(1) Kodici Civili; ara **"Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe"** (A.K. deciza fis-16 ta' Lulju 1973);

Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. (*Pacta sunt servanda*). (**"Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Ngineer Civili Anthony Spiteri Staines" –** App Civ. Deciza fil-5 ta' Ottubru 1998).

L-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jinsiltu minnha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi bejniethom (*pacta sunt servanda*), u l-ebda Qorti m'ghandha tindahal fi ftehim bhal dan diment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jgibu ma jiswiex. Madankollu, llum huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuga f'Kap 16 trid tigi

nterpretata wkoll fid-dawl ta' principju iehor ewlieni tad-dritt jigifieri li l-kuntratti jigu esegwiti *in bona fede*.

**L-Artikolu 993 tal-Kap 16** jiddisponi:

"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi".*

Fil-kawza, **Mark Calleja Urry et Vs Joseph Portelli et** – Qorti Appell moghti fis-sena 2011, il-Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn qalet li:

"…..*il-principju jibqa' l-istess, cjoe` dak tal-liberta` kuntrattwali bil-korollarju tieghu li l-eccezzjonijiet ghal dik il-liberta` m'ghandhomx jigu estizi li hemm mil-limiti tal-ligi li tistabilixxi l-eccezzjoni…..Il-Kodici Civili li jaghti lill-kuntratti maghmulin skont il-ligi is-sahha tal-ligi stess, li hija l-aqwa ligi, cjoe` l-ligi tal-partijiet, il-mezz u l-mizura tal-indipendenza personali taghhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mgharufin fil-ligi."*

Dan hu konformi mal-principju li ladarba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom u allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor,

*anchorche*` bazat fuq l-ekwita`. Il-principju tar-rispett ghall-volonta` tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu l-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (**l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili)**, u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta` taghha.

Fil-materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratt ir-regola fundamentali hija dettata mill-**Artikolu 1002 tal-Kodici Civili,** li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car m'hemmx lok ghal interpretazzjoni (**Ara sentenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27**, u "**Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar"** deciza fil-15 ta' Dicembru 1995 **Kollezz LXXXIX.ii.704 u**, **"Improve Design Ltd. vs Ray's Car Hire Ltd. et "** P.A. deciza fis- 6 ta; Dicembru 2012). F'dan l-istess kaz, kompla jinghad:

*"Hu biss meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, li ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet. (Artikolu 1003 tal-Kap 16).*

Kif gie osservat mill-Qorti Civili Prim' Awla fil-kaz (**"Sciberras Trigona vs Aneico"**), tas-6 ta' Ottubru 1883, "*quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettura dell'atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture. (**Vol.XXXVI.p.i.p191**).* L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment

meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali.

Huwa meta s-sens litterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, li ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan, din il-Qorti diversament preseduta spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsolali tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien. **("J. Bartolo et vs A. Petroni"** deciza 7 ta' Ottubru 1997").

**<u>Applikazzjoni ghall-provi u fattispecie tal-kaz:</u>**

Hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna li "*il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jipprocedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet*." (Ara **"Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino",** Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **"Paul Vassallo vs Carmelo Pace",** Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).

Huwa utli li jsiru certi kostatazzjonijiet rigward il-fatti rilevanti f'dan il-kaz. Illi permezz tal-kuntratt ta' enfitewsi datat 8 ta' Lulju 1998, il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, l-MDC ikkoncediet lis-socjeta` attrici b'titlu ta' cens temporanju ghal perjodu ta' 65 sena fabbrika f'San Gwann (fol 6-19).Izda, l-kwistjoni principali fil-kaz odjern, hija dwar l-ispejjez ghall-bini tas-*substation* sabiex tkun tista' tissuplixxi l-elettriku ghal din il-fabbrika. Huwa sinifikanti li m'hemmx xejn imnizzel fil-kuntratt ta' enfitewsi fir-rigward ta' *substation* u l-elettriku. Izda ntbaghtet ittra datat 4 ta' Marzu 1996 li giet iffirmata mill-Inginieer Simon Salafia ghall-M.D.C. liema ittra tghid hekk:

*"…..MDC is responsible for the provision of supply to the premises and it is not responsible for the internal electrical installation of the factory area."* (a fol 20). Din l-ittra giet ukoll segwita minn *email* mibghuta mill-istess Ingineer li ssemmi l-ammont ta' Lm22, 600 li kellha tithallas minn Golden Bun Ltd. parti mill-ispiza totali ghas-*substation*. (a fol 21).

L-Inginieer Salafia fix-xhieda tieghu spjega f'liema kuntest intbaghtet din il-korrispondenza. Huwa spjega b'mod car, il-procedura dak iz-zmien ma' l-MDC li wara li jikkommetti ruhu l-klijent,l-MDC tohrog parti mill-ispejjez ghall-provvista tad-dawl fil-fabbrika. In kontro-ezami xehed li din il-procedura kienet "prassi, u imma dak iz-zmien kienet *policy* bil-miktub, jigifieri kien hemm *paper* approvata mill-Bord, fi zmien l-MDC." (a fol 146C).

F'dan il-kuntest ma hemmx dubbju li l-Inginier Salafia kien qed jirraprezenta lill-M.D.C. meta baghat l-ittra tal-4 ta' Marzu 1996 (DOK GB2) kif johrog car mix-xhieda tieghu fejn ikkonferma li kien baghat il-korrispodnenza ghan-nom tal-MDC. Meta kiteb l-email a fol 20 kien qed jfisser obbligu assunt mill-MDC li sussegwentement gie kwantifikat fl-ammont ta' Lm22,600. Il-fatt li l-istess Inginier fisser li dan kellu jigi approvat ma jbiddel xejn ghaliex skont ix-xhud, l-approvazzjoni kienet tohrog gjaladarba jkun hemm il-"commitment" mill-klijent. Fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda dubbju li s-socjeta' attrici kienet lesta li taccetta ghaliex infatti spiccat biex hallset l-ispiza fl-intier taghha.

Madankollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Malta Industrial Parks Ltd. u fit-trattazzjoni saret referenza ghall-kuntratt ta' enfitewsi (fol 6-19) fi klawsola 6 tal-kuntratt hemm imnizzel bl-aktar mod car li r-responsabbilta` ghall-izvilupp tas-sit enfitewtiku kienet kollha tas-socjeta` attrici. Illi saret din l-enfasi da parti tal-konvenuti ghaliex din hija klawsola specifikament elenkata fil-kuntratt. Izda, l-materja in kwistjoni f'dan il-kaz ghalkemm temani minn dan il-kuntratt enfitewtiku, mhix direttament konnessa mal-izvilupp tas-sit, izda hija preordinata ghall-izvilupp u ghall-obbligu da parti tas-sid li jikkoncedi sit ghall-bini ta' fabbrika li tista tigi reza funzjonanti mill-enfitewta. Fil-fatt hemm stipulat fid-dokument a fol 20 li ighid li l-MDC kienet responsabbli biss ghall-provvista li tasal sas-sit in kwistjoni, u mhux ghall-provvista ta' l-elettriku interna tal-fabbrika.

Dan hu sorrett f'aktar dettall mix-xhieda tal-Inginier Salafia fejn spjega li "*It-tenant kellu jibni l-fabbrika.. l-policy kienet li meta jkun hekk, hu jibni substation, il-bini 100% f'idejh. Dan kien qabel 2004. U imbaghad l-istima tal-Enemalta tinqasam, kien hemm policy, u tinqasam skont is-supply, parti mill MDC u parti minnghandu.* "

Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti hija soddisfatta li l-MDC kienet dahhlet f'obbligu favur is-socjeta' attrici kif imfisser fl-ittra tal-4 ta' Marzu 1996 (fol.20) li tassumi l-ispiza ghall-provvista tal-elettriku sal-fabbrika izda mhux ghall-istallazzjoni interna tal-istess u li i l-istess socjeta' attrici ghandha l-jedd ghar-rimbors tas-somma pretiza.(vide fol.21).

**<u>It-talba attrici:</u>**

Is-socjeta' attrici qieghda titlob il-hlas ta' disgha u ghoxrin elf, disa' mija u erbghin Lira Maltin (Lm29,940) ghall-kontribuzzjoni li kienet dovuta mill-MDC ghall-bini tas-*substation* tal-elettriku. Irrizulta li s-socjeta` Golden Bun Ltd. hallset depozitu ta' sitta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm26,000)[7], parti mis-somma totali ta' tnejn u hamsin elf, hames mija u erbghin Liri Maltin (Lm52,540), skont id-dokumenti esebiti (fol 179 *et seq*) u s-socjeta' attrici ffirmat kuntratt mal-Korporazzjoni Enemalta proprju ghall-bini tas-*substation* in kwistjoni.[8]

[7]Ricevuta fiskali esebita a fol 24 -DOK GB5
[8] Dok GB4 a fol 22-23.

Diga gie accennat li l-pagament in kwistjoni ghall-bini tas-*substation* mhuwiex regolat fil-ftehim tal-enfitewsi nnifsu, izda jinstilet minn dokument mibghut mill-MDC konsegwenza ghall-kuntratt ta' enfitewsi ffirmat in relazzjoni mal-fabbrika f'San Gwann. Ghaldaqstant, hawnhekk japplika l-principju legali tal-*bona fide* enuncjat fl-**artikolu 993 tal-Kap 16**, li jghid il-kuntratti…jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-kosegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni.

Ta' rilevanza ukoll huwa **l-Artikolu 998 tal-Kap 16** li johloq prezunzjoni li min jintrabat b'obbligazzjoni jkun qieghed jorbot lilu nnifsu u lis-successuri tieghu, liema artikolu jiddisponi:

"*Ghandu jitqies li wiehed wieghed jew ftiehem ghalih innifsu, ghall-werrieta tieghu, u ghal dawk li minnu gejjin il-jeddijiet taghhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim.*"

Fil-kaz in ezami, rrizulta li s-socjeta' attrici baqghet ma thallsitx ta' parti mill-ispiza tas-*substation* ghax dan gie rifjutat kemm mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza kemm mill-M.I.P. Ltd. ghar-raguni li l-*policies* inbidlu meta dawn l-entitajiet dahlu fis-sehh.[9] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici, gie sottolineat li l-ftehim bejn il-partijiet ghandu jigi esegwit in *bona fede,* specjalment meta ma jirrizultax li kien hemm ftehim iehor

[9] Ara ukoll xhieda tal-Inginier Salafia.

bejn il-partijiet, u ma ngabet l-ebda prova li turi meta u kif inbidlu l-*policies* tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza.

Fl-assenza ta’ prova li l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza bhala successuri tal-MDC adottaw *policies* godda fir-rigward ta’ din il-procedura, ma jistax jigi dikjarat li l-entita` l-gdida hija ezonerata mill-obbligi tal-entita' precedenti. Dan hu kuntrarju kemm ghad-disposizzjoni tal-Kodici Civili fuq citat kif ukoll ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kap.463. Certament, l-oneru tal-prova fir-rigward ta’ dan kien jinkombi fuq il-konvenuti. Ghalhekk, il-prova necessarja ma ntlahqitx.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza bhala s-successur fl-obbligazzjonijiet tal-MDC.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tiltqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimata Malta Industrial Parks Limited u tillilberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u tilqa' t-talbiet attrici u tiddisponi minnhom skont dan li gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara lill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza responsabbli ghall-kontribuzzjoni ghall-kostruzzjoni ta’ *substation* tal-elettriku gewwa l-Fabbrika Golden Harvest f'San Gwann.

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tillikwida din il-kontribuzzjoni fl-ammont ta' disgha u sittin elf, seba' mija u wiehed u erbghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€69,741.43) (gja disgha u ghoxrin elf, disa' mija u erbghin lira Maltin (Lm29,940);

3. **Tilqa'** it-tielet talba u tikkundanna lill-Korporazzjoni Maltija ghall-Interpriza sabiex thallas l-ammont ta' disgha u sittin elf, seba' mija u wiehed u erbghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€69,741.43) (gja disgha u ghoxrin elf u disa' mija u erbghin lira Maltin (Lm29,940) lir-rikorrenti u dan flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza.

**L-ispejjez jithallsu mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2015**